MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 46/2007

**Azzopardi Mary Assunta mart Ludovico Azzopardi;**

**Joseph Camilleri;**

**Michael Camilleri;**

**Paul Camilleri, u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2008,**

**il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria Assunta Azzopardi**

**u John Bugeja minflok Paul Camilleri li miet fil-mori tal-kawża;**

**Evangelista Hili mart Alfred f'isimha proprju u kif ukoll**

**għan-nom tal-imsiefer David Camilleri u b'digriet**

**tal-10 ta' Marzu 2008 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem**

**Joseph Hili, Thomas Hili, u Anthony Hili minflok Angelita Hili**

**li mietet fil-mori tal-kawża, u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2008,**

**Alfred Hili ġie nominat sabiex jidher għall-imsiefer David Camilleri minflok Evangelista Hili li mietet fil-mori tal-kawża;**

**Carmel Camilleri**

**vs**

**Anton Camilleri f'ismu proprju u għan-noma ta' l-imsiefer**

**Eugenio Camilleri u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2010 il-ġudizzju**

**ġie trasfuż f'isem Marlene armla ta' Anton Camilleri,**

**Clint Camilleri u Francesca Camilleri minflok Anton Camilleri**

**li miet fil-mori tal-kawża, u permezz ta' nota ppreżentata fil-**

**11 ta' Jannar 2010 Reverendu Dun Dumink Camilleri assuma**

**l-atti biex jirrapreżenta lil ħuh imsiefer Eugenio Camilleri**

**in vista' tal-prokura li huwa għandu;**

**Loreta sive Lolly armla ta' Saviour Camilleri;**

**Anna Maria mart Teddy Busuttil;**

**Carmen sive Carrie mart John Vella;**

**Raymond Camilleri;**

**Reverendu Dumink Camilleri;**

**Anton Camilleri li b'digriet tat-22 ta' Awwissu 2007 ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Suor Maria Angela Camilleri, u permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2010 Reverendu Dun Dumink Camilleri assuma l-atti biex jirrapreżenta lil oħtu imsiefra Suor Maria Angela Camilleri fis-seklu Margaret Camilleri in vista' tal-prokura li huwa għandu;**

**Il-Perit Teddy Busuttil.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi wara li ppremettew:

1. Illi l-ġenituri tal-partijiet, minbarra l-konvenut Teddy Busuttil, li kien jisimhom Angelo u Giuseppa konjuġi Camilleri mietu rispettivament fl-24 ta' Lulju 1994 (Dok. A) u fit-3 ta' Diċembru 2004 (Dok. B);

2. Illi l-imsemmija konjuġi Camilleri rregolaw is-suċċessjoni tagħhom in forza ta' erbgħa testmenti, u ċioe' wieħed tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) atti tan-Nutar Joseph Spiteri, (Dok. C), wieħed tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani (Dok. D), wieħed tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) atti tan-Nutar Paul George Pisani (Dok. E), u l-ieħor tal-ħdax (11) ta' Mejju elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) atti tan-Nutar Paul George Pisani (Dok. F);

3. Illi inoltre l-imsemmija Giuseppa Camilleri għamlet tlett testmenti oħrea weħidha u ċioe' wieħed fil-ħmistax (15) ta' Marzu elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994), u ieħor fit-tletin (30) ta' Novembru elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), it-tnejn atti tan-Nutar Paul George Pisnai (Dok. G u H) u l-ieħor fil-ħamsa (5) ta' Marzu elfejn u erbgħa (2004) atti tan-Nutar Maria Vella Magro (Dok. I);

4. Illi permezz tat-testment tiegħu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1980) atti tan-Nutar Joseph Spiteri, l-imsemmi Angelo Camilleri nnomina bħala eżekutur testamentarju tiegħu lill-Perit Arkitett Teddy Busuttil;

5. Illi l-imsemmi Teddy Busuttil qatt ma talab li jiġi mwettaq mill-Qorti fl-istatus tiegħu ta' eżekutur testamentarju ta' l-eredita' ta' Angelo Camilleri, u qatt ma ħa f'idejh dan l-inkarigu tiegħu;

6. Illi inoltre permezz tat-testment tagħha tat-tletin (30) ta' Novembru elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) l-imsemmija Giuseppa Camilleri nnominat bħala eżekutur testamentarju tagħha lil binha l-konvenut Reverendu Duminku Camilleri;

7. Illi l-imsemmi Reverendu Camilleri, qatt ma talab li jiġi mwettaq fl-istatus tiegħu ta' eżekutur testamentarju, u permezz ta' dikjarazzjoni ppreżentata fil-ħamsa (5) ta' Diċembru elfejn u ħamsa (2005 (Dok. J) huwa rrinunzja għal dan l-inkarigu tiegħu;

8. Illi minkejja dan, l-imsemmi Reverendu Camilleri ħa f'idejh l-amministrazzjoni kemm ta' l-eredita' ta' Angelo kif ukoll ta'

Giuseppa Camilleri, mingħajr il-kunsens, u anzi bl-opposizzjoni, ta' l-atturi;

9. Illi inoltre hemm diversi diżgwidi bejn il-partijiet rigward l-ereditajiet fuq imsemmi;

10. Illi għalhekk l-atturi jemmnu li hemm raġuni tajba għaliex għandu jinħatar eżekutur testamentarju indipendenti mill-partijiet li jieħu f'idejh l-amministrazzjoni ta' l-ereditajiet ta' l-imsemmija Angelo u Giuseppa Camilleri, u l-esekuzzjoni tat-testmenti tagħhom;

11. Illi effettivament hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar min għandu formalment jinħatar bħala eżekutur testamentarju għal dan il-fini;

12. Illi għalhekk l-atturi jixtiequ li din l-Qorti taħtar eżekutur testamentarju hi għal dan il-fini li jkun indipendenti mill-partijiet.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Għad li l-Perit Teddy Busuttil qatt ma ġie mwettaq mill-Qorti fl-inkarigu tiegħu ta' eżekutur testamentarju ta' l-eredita' ta' Angelo Camilleri, din il-Qorti tneħħih minn eżekutur testamentarju ta' din l-eredita' għal kull bwon fini;

2. Peress li r-Reverendu Dumink Camilleri rrinunzja għall-inkarigu tiegħu ta' eżekutur testamentarju ta' l-eredita' ta' Giuseppa Camilleri, din il-Qorti tiddikjara li ma hemm l-ebda eżekutur tesamentarju ta' l-eredita' ta' Giuseppa Camilleri;

3. Għar-raġunijiet fuq imsemmija, hija tiddikjara li hemm raġuni tajba għaliex għandu jinħatar eżekutur testamentarju jew eżekuturi testamentarji biex jesegwixxi t-testmenti kemm ta' Angelo Camillieri kif ukoll ta' Giuseppa Camilleri;

4. Peress li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar min għandu jkun eżekutur testamentarju għal dan l-iskop, tkun il-Qorti li

tinnomina eżekutur testamentarju jew eżekuturi testamentarji għal dan il-fini, u dan b'dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha li huma opportuni.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja numru 117/2005.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat ir-risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi għar-raġunijiet esposti aktar il-quddiem f'din ir-risposta.

2. Illi qabel xejn l-esponenti jitolbu l-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' Carmel Camilleri stante illi (dejjem jekk Carmel Camilleri ta l-kunsens tiegħu sabiex din il-kawża tiġi preżentata f'ismu, ħaġa li l-esponenti għandhom dubbju dwarha) dan ma huwiex wieħed mill-persuni nominati bħala eredi mill-konjuġi Camilleri skond it-tielet artikolu tat-testment tagħhom tal-11 ta' Mejju 1993. Għalhekk huwa ma għandu ebda interess ġuridiku fl-eredita' tal-ġenituri tiegħu.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti Teddy Busuttil, l-ewwel talba tal-atturi hija intempestiva u improponibbli. L-eċċipjenti Teddy Busuttil qatt ma wera xi xewqa illi jinħatar jew jiġi konfermat bħala eżekutur testamentarju ta' Angelo Camilleri u għall-kuntrarju qatt ma ġie mitlub minn xi ħadd illi jiddikjara jekk huwa jridx jew le jaċċetta in-

nomina tiegħu bħala tali eżekutur. L-esponenti qiegħed minn issa jiddikjara inekwivokament illi huwa ma għandu ebda interess jassumi dan l-inkarigu u qiegħed bil-preżenti jirrinunzja għal tali inkarigu. Il-kawża fil-konfront tiegħu hija intempestiva għaliex qabel ma' l-atturi odjerni ipproċedew b'din il-kawża messu kellhom talanqas id-diċenza illi jinfurmawh u jitolbuh jiddikjara jekk iridx joqgħod jew le bħala eżekutur testamentarju. Hija improponibbli għaliex ġaladarba l-esponenti qatt ma ġie konfermat bħala eżekutur testamentarju huwa ma jistax jitneħħa minn posizzjoni illi qatt ma okkupa. Fi kwalunkwe każ, l-ispejjeż tal-ewwel talba tal-atturi għandhom jiġu akkollati interament lill-istess atturi.

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti Dun Duminku Camilleri, it-tieni talba tal-atturi hija improponibbli. L-eċċipjenti Dun Duniku Camilleri, kif del resto jirrikonoxxu l-atturi stess fiċ-ċitazzjni tagħhom, irrinunzja għall-inkarigu tiegħu bħala eżekutur testamentarju, u dan ferm qabel ma ġiet preċentata din il-kawża. Il-kawża fil-konfront tiegħu hija improponibbli għaliex ġaladarba l-esponenti irrinunzja għal dan l-inkariku ta' eżekutur testamentarju u ma huwiex illum jokkupa dak l-inkarigu, huwa ma jistax jitneħħa minn tali posizzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-ispejjeż tat-tieni talba tal-atturi għandhom jiġu akkollati interament lill-istess atturi.

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tielet u r-raba talba tal-atturi huma improponibbli għaliex minn imkien fil-liġi tagħna ma tirriżulta xi neċessita' legali illi kull eredita' tiġi amministrata minn eżekutur testamentarju, anke f'każ illi d-decuji ikunu innominaw eżekutur testamentarju fit-testment tagħhom.

6. Illi l-fatt illi bejn l-eredi ikun hemm disgwid rigward l-eredita' de quo ma jagħti ebda dritt lil xi uħud mill-eredi illi jimponu fuq l-eredi l-oħra l-volonta' tagħhom illi jinħatar eżekutur testamentarju, bl-ispejjeż kollha

marbuta ma′ tali ħatra, sabiex jamministra l-wirt de quo. Dan il-prinċipju japplika b′aktar u aktar saħħa meta, bħal fil-każ odjern, in-numru ta′ eredi illi jkunu qed jinsistu illi jinħatar tali eżekutur testamentarju jkun fil-minoranza (fil-każ odjern sitta minn erbatax).

7. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, ma huwiex mogħti dritt lil xi persuna jew awtorita′ illi timponi bħala eżekutur testamentarju persuna illi ma tkunx aċċettabbli għall-eredi kollha, jew persuna illi dwarha il-maġġoranza tal-eredi jista′ jkollhom riżervi, u għalhekk lanqas ir-raba talba tal-atturi ma tista′ tiġi akkolta.

8. Illi b′riferenza għall-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat tal-atturi, l-esponenti jiddikjaraw illi huma jaqblu mal-kontenut tiegħu.

9. L-esponenti jaqblu ukoll mal-kontenut tat-tieni paragrafu.

10. It-tielet paragrafu huwa ukoll korrett.

11. Hekk ukoll ir-raba paragrafu.

12. Il-ħames paragrafu huwa korrett, iżda l-esponenti jispeċifikaw illi qabel il-preżentata tal-kawża odjerna il-Perit Busuttil qatt ma ġie mitlub minn ħadd jiddikjara jekk iridx jew le jaċċetta l-inkarigu tiegħu.

13. Is-sitt paragrafu huwa korrett.

14. Is-seba′ paragrafu huwa korrett.

15. It-tmien paragrafu mhux korrett: Dun Dumink Camilleri qatt ma ħa f'idejh l-amministrazzjoni tal-eredita' tal-ġenituri tiegħu, aktar u aktar ma għamel xejn minn dan kontra l-volonta' tal-atturi. Bħala eredi għandu kull dritt illi jintrometti ruħu fl-amministrazzjoni tal-beni tal-ġenituri tiegħu, u tali intromissjoni tiegħu qatt ma saret jew kienet intiża illi tkun ad eskluzzjoni tal-eredi l-oħra.

16. Illi sfortunatament id-disa' paragrafu huwa korrett.

17. Illi il-kontenut tal-ħdax-il paragrafu huwa *non sequitur* mal-paragrafi preċedenti, u bħala punt ta' liġi l-esponenti ma jaqblux illi hemm xi neċessita' imposta mil-liġi, jew xi dritt fil-minoranza tal-eredi illi jitolbu il-ħatra ta eżekutur testamentarju tal-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti.

18. Illi isegwi illi l-ħdax u t-tnax il-paragrafi lanqas ma huma korretti.

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-23 ta' Mejju 2008 li kienet tirrigwarda uħud mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawża.

Rat ukoll ix-xhieda komuni għal din il-kawża, prodotta fil-kawża konnessa: Rikors Ġuramentat numru 120/2007 fl-ismijiet: "Mary Assunta Azzopardi vs Dun Dumink Camilleri", allegata b'digriet tat-18 ta' Marzu 2009.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' April 2015, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fuq il-mertu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża titratta s-sostituzzjoni tal-eżekuturi testamentarji nominati minn Angelo u Ġużeppa konjuġi Camilleri, li ma aċċettawx l-inkarigu, b'xi ħadd nominat mill-Qorti. Il-konvenut l-A.I.C. Teddie Busuttil, nominat bħala eżekutur testamentarju mill-konjuġi Camillieri bit-testment *unica carta* tagħhom tal-21 ta' Diċembru 1985,[1] qatt ma għamel xejn biex jidħol f'dan l-inkarigu. Il-konvenut Dun Dumink Camilleri, nominat minn Ġużeppa Camilleri bħala eżekutur testamentarju tagħha bit-testment li għamlet fit-30 ta' Novembru 1995[2] in segwitu għall-mewt ta' żewgha, rrinunzja għal din in-nomina permezz ta' Nota f'din il-Qorti fil-ġurisidzzjoni Volontarja tagħha tal-5 ta' Diċembru 2005.[3]

Kif jispjegaw l-atturi fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom, u kif ikkonfermat din il-Qorti fis-sentenza preliminari tagħha tat-23 ta' Mejju 2008, din il-kawża hija bbażata fuq l-artikolu 778 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li fil-Qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuza t-talba biex jinħatar eżekutur testamentarju tista' ssir minn xi ħadd li jkollu interess. Fil-każ presenti l-atturi huma kollha eredi jew legatarji tal-konjuġi Camilleri, u allura għandhom interess dirett fit-talbiet magħmula. A tenur ta' dan l-artikolu tal-liġi:

**"F'każ ta' mewt, assenza, rinunzja, jew mard ta' l-esekutur li jkun ġie maħtur waħdu, jew tal-esekuturi kollha maħtura mit-testatur, l-esekuzzjoni tat-testment tibqa' f'idejn il-werrieta, kemm il-**

[11] Ara s-seba'artikolu ta' dan it-testment, li kopja tiegħu tinsab esebita fl-atti bħala dok.C a fol. 10 – 16 tal-process
[2] Ara kopja esebita a fol.28 tal-process
[3] Ara kopja esebita a fol. 32 tal-process

**darba l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, bil-kunsens tagħhom jew, il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuza, għal raġuni tajba fuq talba ta' xi ħadd li jkollu interess, ma tkunx ħatret, minflok, persuna oħra."**

Irriżulta li kien hemm diversi tentattivi quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja wara l-mewt ta' Ġużeppa Camilleri, s-superstiti mill-konjuġi Camilleri, biex jinħatar eżekutur minflok dawk nominati bit-testmenti imsemmija, imma dan kien kollu għal xejn għax il-kontendenti, minħabba f'diversi suspetti f'xulxin, ma setgħux jiftehmu fuq persuna aċċettabbli għalihom ilkoll. Rinfaċċjati b'din is-sitwazzjoni, l-atturi għalhekk irrikorrew għall-kawża presenti. Imma l-konvenuti qed jopponu l-ħatra ta' eżekutur minn din il-Qorti għax isostnu li tali ħatra tkun inutili u sservi biss biex jiżdiedu l-ispejjeż, meta mhux ser tgħin biex twassal lill-partijiet għad-diviżjoni tal-ereditajiet rispettivi tal-konjuġi Camilleri. Kif jistipula l-artikolu tal-liġi appena ċitat, jispetta issa lil din il-Qorti tara jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tirriżultax il-ħtieġa għal din il-ħatra.

Il-poteri li kienu ngħataw lill-konvenut perit Busuttil bit-testment tal-21 ta' Diċembru 1985 kienu "*dawk il-fakoltajiet u poteri soliti konferiti lil tali eżekuturi testamentarji, fosthom, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' ta' dawn il-poteri, dik li jamministra l-kwota ta' kwart indiviż spettanti lit-testaturi mit-territorju 'tal-Wilġa' limiti ta' Għajnsielem...*"[4] Dawk konferiti fuq il-konvenut Dun Dumink Camilleri bit-testment tat-30 ta' Novembru 1995 kienu: "*il-fakoltajiet u poteri kollha soliti u neċessarji għall-aħjar adempiment ta' l-inkarigu lilu fdat.*"[5] Irriżulta li sehem il-konjuġi Camilleri mit-territorju 'tal-Wilġa' ġie diviż bejn l-eredi tal-konjuġi Camilleri permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Paul G. Pisani tal-14 ta' Jannar 1997,[6] u ċioe' ferm qabel ma ġiet istitwita l-kawża odjerna. Għalhekk il-ħtieġa ta' amministrazzjoni ta' din il-proprjeta' minn xi eżekutur li

[4] Ara kopja ta' dan it-testment a fol.14 tal-process
[5] Ara kopja ta' dan it-testment a fol.28
[6] Dok. DC 8 a fol. 394 – 398 tergo tal-process

jista' jiġi nominat m'għadhiex teżisti. Jidher ukoll illi xi depożiti bankarji lokali li kellhom il-konjuġi Camilleri ġew ukoll żbankati u maqsuma bejn l-eredi tagħhom. Baqa' pero' diversi proprjetajiet immobbli oħra għall-qasma, biċċiet minnhom imqabblin,[7] kif ukoll ir-rikavat minn xi investimenti li d-*decujus* kellu fl-esteru u li għadu mhux stabilit fiċ-ċert x'sar minnhom.[8] Hemm ukoll xi legati, in partikolari dak dovut lill-attur Carmel Camilleri fuq is-sehem spettanti lill-ommu mill-immobbli u flus imsemmija fit-testment *unica carta* tal-11 ta' Mejju1993.[9]

Intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Marzu 1958 fil-kawża: "**Philip Sammut noe.vs Ersilia Zahra**" illi:

*"...fil-każ presenti, l-attur ġie nominat eżekutur testamentarju, u ġie mogħti l-fakoltajiet kollha neċessarji. Una volta li hu ma ġiex mogħti espliċitament funzjonijiet oħra straordinarji, għandu jitqies illi hu għandu biss il-fakoltajiet li tagħti l-liġi lill-funzjonarji simili (ara 'Borg vs Delia et.' P.A. 8.2.1936, vol. XXIX.ii.970). Dawn il-funzjonijiet huma ndubbjament dawk tipiċi u essenzjali ta' kull eżekutur, inerenti fl-isem tiegħu stess, li jeżegwixxi u jikkura l-eżekuzzjoni tal-aħħar rieda tat-testatur, imfissra fit-testment. "L'adempimento del testamento" jgħid il-Pothier, "non comprende soltanto il soddisfacimento dei legati, ma anche quello dei debiti della successione, perche il soddisfaciemento di questi debiti fa parte della esecuzione testamentaria" (Trattato dei Testamenti, Capo V, Sez.I art.II). L'Orsini (citat in-nota mill-Laurant, Vol.XIV para. 253) jgħid:- "L'ufficcio di esecutore testamentario non si restringe alla esecuzione del testamento per quanto solamente concerne il pagamento dei legati, ma comprende tutto quanto si attiene alla completa attuazione della volonta' del defunto". Anki t-Troplong jgħallem illi: "Non gia' soltanto nell'interesse dei legatari gli esecutori sono stati stabiliti, ma nell'interesse*

[7] Ara Nota annessa mal-formula tat-taxxa għas-sena 1994, a fol.207 tal-process, u kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis in segwitu għall-mewt ta' Angelo Camilleri, esebita a fol. 225 -231
[8] AraDok.AH 1 a fol.182 u Dok.SAZ 1 a fol.270
[9] Atti Nutar Dr.P.G.Pisani;Dok.F a fol.23 tal-process

*del testamento, affinche' la volonta' del testatore abbia il suo pieno ed intero effetto." (Donazioni e Testamenti, Cap. V, art.1031, para.2019)."*[10]

Fil-każ in eżami jirriżulta, li apparti l-beni mmobbli in diviżjoni, li faċilment jistgħu jiġu identifikati bid-debiti riċerki fir-Reġistru Pubbliku, hemm ukoll għall-qasma xi kirjiet mir-raba mqabbla lil terzi, li kienet qed tinġabar mill-konvenut Dun Dumink Camilleri, u fil-każ tar-raba "tal-Wilġa", jidher li din baqgħet tinġabar minnu wkoll, anke wara li saret id-diviżjoni tagħha. Għad hemm pendenti wkoll il-kwistjoni tad-depożiti/investimenti esteri li mhux ċar x'sar minnhom u jekk ġewx żbankati minn xi ħadd mill-werrieta mingħajr il-kunsens jew konsapevolezza tal-eredi l-oħra jew uħud minnhom. Irriżulta wkoll li tal-inqas fir-rigward ta' żewġ proprjetajiet immobbli li hemm għall-qasma, hemm xi kontijiet pendenti dwar servizzi u xogħolijiet ta' manutenzjoni li kellhom isiru, jew li għad iridu jsiru, u l-kontendenti anke f'dan ir-rigward mhumiex jiftehmu. Infatti, fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża, kien sar rikors mill-konvenuti dwar din il-kwistjoni.[11] Il-Qorti fid-digriet relattiv tagħha tas-27 ta' Ġunju 2014,[12] irriservat li terġa' tikkunsidra dak mitlub fir-rikors, inkluż li jinkera l-appartament li kienet xtrat Ġużeppa Camilleri fl-Imsida, wara li ssirilha talba *ad hoc* biex jiġi nominat eżekutur provizorju *pendente lite,* ħaġa li pero' baqgħet ma saritx sakemm ġiet biex tingħata din is-sentenza.

Kif ġie ribadit mill-qrati tagħna, "*L-eżekutur testamentarju ut sic ma għandux fost l-attribuzzjonijiet tiegħu, dik li jirrapprezenta l-wirt; imma jista' validament jagħmel u jikkontesta kawżi in konnessjoni u biex jaqdi biss l-attribuzzjonijiet lilu mogħtija mit-testatur. Imma bħala amministratur tal-wirt, hu jista' jagħmel biss atti ta' sempliċi amministrazzjoni tas-sustanzi ereditarji, fosthom ir-riparazzjoni tal-immobbli, anke ta' natura straordinarja. Anzi dan mhux biss huwa dritt*

[10] Kollez. Vol.XLII. pt.i. pag.150

[11] Ara rikors tal-konvenuti tat-12 ta' Mejju 2014 a fol.481 – 482, u d-dokumenti miegħu annessi, a fol.484 – 487 u 494 - 499

[12] A fol.500 - 501

*tiegħu, imma hu veru obbligu, bil-konsegwenza li hu jista' jirrapreżenta anki ġudizzjarjament dak il-patrimonju f'dak kollu li jidhol fl-amministrazzjoni u konservazzjoni tas-sustanzi kollha li jikkomponu l-assi."*[13]

F'tali ċirkostanzi, jirriżulta għalhekk illi hemm raġuni tajba għaliex għandu jiġi nominat eżekutur testamentarju minn din il-Qorti sabiex, sakemm il-werrieta tal-konjuġi Angelo u Giuseppa Camilleri jaslu biex jagħmlu d-diviżjoni tal-assi ereditarji tagħhom, sew bonarjament jew permezz ta' proċeduri ġudizzjarji, jieħu f'idejh l-amministrazzjoni tal-beni ereditrarji, bil-poter fost l-oħrajn li jindaga x'investimenti kellhom il-konjuġi Camilleri fl-epoka tal-mewt tagħhom, jagħmel ir-riparazzjonijiet meħtieġa fil-proprjetajiet immobbbli in diviżjoni skond il-każ, jiġbor il-qbiela dovuta u jikri għal żminijiet limitati l-istess proprjetajiet sabiex mir-rikavat ikun jista' jħallas l-ispejjeż inkorsi.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u:

1. Għad li l-Perit Teddy Busuttil qatt ma ġie mwettaq mill-Qorti fl-inkarigu tiegħu ta' eżekutur testamentarju tal-eredita' ta' Angelo Camilleri dan, għal kull buon fini, qed jiġi mneħħi minn dan l-inkarigu;

2. Peress li Dun Dumink Camilleri rrinunzja għall-inkarigu tiegħu ta' eżekutur testamentarju tal-eredita' ta' Ġiuseppa Camilleri, tiddikjara li ma hemm l-ebda eżekutur testamentarju tal-eredita' tagħha;

[13] Prim' Awla:Avv. Carlo Moore noe. v.Perit Carmelo Falzon:15.12.1955; kollez. vol. XXXIX.ii.807

3. Għall-motivi msemmija f'din is-sentenza, tiddikjara li hemm raġuni tajba għaliex għandu jinħatar eżekutur testamentarju biex jesegwixxi t-testmenti kemm ta' Angelo Camilleri, kif ukoll ta' Ġiuseppa Camilleri; u

4. Peress li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar min għandu jkun eżekutur testamentarju tagħhom, tinnomina bħala eżekutur testamentarju għal dan il-fini lill-Avukat Dottor Joseph Grech, u tagħtih il-poteri kollha meħtieġa għall-amministrazzjoni tajba ta' dawn iż-żewġ eżekuteriji, kif indikat f'din is-sentenza, u dan a spejjeż tal-ereditajiet rispettivi.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssoportati mill-werrieta, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu, ħlief għal dawk tat-tieni talba, li għar-raġuni ndikata fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2008, għandhom ikunu a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------